

31986D0551

L 328/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.11.1986

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-15 ta' Settembru 1986****dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti mill-Ftehim**

(86/551/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi huwa meħtieġ li jiġi approvat il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti mill-Ftehim, sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni fil-Komunità tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti bil-Ftehim

bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' l-Iskambju ta' l-Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawnhekk jingħata s-setgħa li jaħtar il-persuna awtorizzata sabiex tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Settembru 1986.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. HOWE